

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata tikser id-dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE <sup>(1)</sup> u tal-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> u tonqos milli tagħti raġunijiet għalfejn il-perijodu ta' limitazzjoni ta' għaxar snin kien japplika għal żewġ ftehimiet mill-2002 li madankollu kienu indirizzati fid-Deċiżjoni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-drittijiet ta' difiża tar-rikorrenti, peress li l-Kummissjoni naqset milli tippermetti lir-rikorrenti l-aċċess għall-fajl tal-investigazzjoni u li tqiegħdhom f'pożizzjoni fejn setgħu effettivament jgħarrfu l-fehmiet tagħhom.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE peress li l-Kummissjoni b'mod żbaljat attribwiet il-konklużjoni tal-ftehim mal-applikanti lill-Istat.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE, peress li l-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi selettività.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE peress li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li l-arranġamenti bejn l-ajruport u r-rikorrenti taw vantaġġ lir-rikorrenti. Il-Kummissjoni ħadhet b'mod żbaljat il-possibbiltà li parti mis-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni setgħu inxtraw għal skopijiet ta' interess ġenerali, irrifjutat b'mod żbaljat li taċċetta l-analiżi komparattiva proposta mir-rikorrenti, wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u naqset milli tiddikjara r-raġunijiet tagħha fl-analiżi tal-profittabbiltà, peress li bbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq data mhux kompluta, mhux affidabbli u mhux xierqa; hija naqset ukoll milli tattribwixxi valur xieraq għas-servizzi pprovduti taħt il-ftehimiet tas-servizzi tal-kummerċjalizzazzjoni, ħadhet b'mod żbaljat ir-raġuni wara d-deċiżjoni tal-ajruport li tixtri servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni u b'mod żbaljat ma kkunsidratx il-benefiċċji usa tal-operazzjonijiet ta' Ryanair għall-ajruport.
6. Is-sitt motiv ibbażat, sussidjarjament, fuq ksur tal-Artikoli 107(1) u 108(2) TFUE peress li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi meta stabbilixxiet l-ammont tal-ghajjnuna li tista' tiġi rkuprata, fl-istruzzjonijiet tagħha lill-Istat Membru li jimplikaw li l-aġġustament tal-ammont tal-ghajjnuna li tista' tiġi rkuprata huwa fakultattiv, u minħabba f'kontradizzjoni bejn ir-raġunijiet tad-Deċiżjoni kkontestata u d-dispożittiv tagħha.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2018 – Multifit vs EUIPO (real nature)****(Kawża T-458/18)**

(2018/C 319/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

**Rikorrenti:** Multifit Tiernahrungs GmbH (Krefeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Weber u P. Ġentili, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni “real nature” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 660 425

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Mejju 2018 fil-Każ R 2650/2017-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (EU) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – The Scotch Whisky Association vs EUIPO – José Estévez (JOHN COR)**

**(Kawża T-438/17) <sup>(1)</sup>**

(2018/C 319/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 309, 18.9.2017.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – The Scotch Whisky Association vs EUIPO – José Estévez (JOHN COR)**

**(Kawża T-469/17) <sup>(1)</sup>**

(2018/C 319/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 309, 18.9.2017.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – Eesti Apteekide Ühendus vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-10/18) <sup>(1)</sup>**

(2018/C 319/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tad-Disa' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 104, 19.3.2018.

---